**201. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

**KIRI TA' BINI MAGĦRUF BĦALA OFFICERS' MESS**

**U L-ART MADWARU F'ĦAL-LUQA LILL-AIRPORT**

**HOTEL COMPANY LIMITED**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lill-Airport Hotel Company Limited il-bini magħruf bħala Officers' Mess u l-art madwaru f'Ħal-Luqa, deskritti aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal- Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz ;

U billi huwa maħsub fil- paragrafu ( ċ ) tas- subartukolu ( 1 ) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal- Gvern li art li tkun proprjetà tal- Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati ;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-bini magħruf bħala Officers' Mess u l-art madwaru f'Ħal-Luqa, jistgħu jiġu mogħtija lill-imsemmija kumpannija, Airport Hotel Company Limited, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-Abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

31.07.1979